# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 484/01mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Rosario Bugeja u martu Michelina Bugeja**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400.00) rapprezentanti import ta' hames (5) kambjali, wahda ta' Lm60 u l-ohrajn ta' Lm85 il-wahda,

debitament accettati u skaduti minn Jannar, 2001, sa' Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 5 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' April, 2001, jammontaw ghal Lm6, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha qed tirriduci t-talba bis-somma ta' Lm258 imhallsa fil-mori tal-kawza u zzomm ferm il-bilanc, imghax u spejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-3 ta' Lulju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-

Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenuti.